# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Diċembru 2015

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex ilkoll inġarrbu l-ħniena ta' Alla, li qatt ma jgħejja jaħfer.**

**Ninġabar:**

Insib pożizzjoni komda biex nibda t-talb tiegħi ... Nipprova ninfetaħ għal Alla u nagħraf li Alla hu preżenti madwari u ġewwa fija. Hu jinsab hawn, jonorani bil-preżenza tiegħU...

**Fatt ċkejken:**



Demmi beda jbaqbaq; ma stajtx nemmen lill-għajnejja. Hemm kien fuq branda, 20 pied 'il bogħod minni. Ir-rabja reġgħet ħarġet bl-istess qawwa ta' sitt snin ilu meta kien tani daqqa f'rasi b'ġebla u seraqli 60 dollaru. U ma stajt nagħmel xejn dwar dan.

Kemm xtaqt inpattihielu lil dan ir-raġel, issa li kien miegħi mhux biss fl-istess ħabs iżda wkoll fl-istess dormitorju. Xi ġimgħa qabel kelli nispiċċa mill-ħabs, kien staqsieni: *"Nista' nieħu l-boots tiegħek meta inti titlaq?"* Ma stajtx nemmen dak li kont smajt. Bejni u bejn ruħi ħsibt: *"Tajjeb ukoll!! Il-boots tiegħi teħodhom mhux biex tilbishom, imma biex taqla' daqqa bihom fuq wiċċek!"*.

M'inix xi wieħed reliġjuż, imma xi ftit tal-ġranet qabel ma ħriġt mill-ħabs kont mistieden biex immur għal kors spiritwali qasir. Rajna DVD bl-isem "Kif tbiddel id-dinja ta' madwarek". Parti minnu kien dwar Ġesu li jgħid: *"Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena"*. Il-kelliem spjega li l-ħniena tfisser meta tagħti lil dawk ta' madwarek dak li ma jkunx jistħoqqilhom. Alla jagħmel l-istess magħna, aħna ma jistħoqqilniex il-ħniena imma għax iħobbna Hu juri ħniena magħna. Ftakart f'din it-taħdita waqt li kont qed naħseb kif se nwieġeb lil dan sieħbi tal-istess dormitorju. Fil-fond ta' qalbi kont naf li m'għandix inpattihielu. Lill-grupp tal-kors għarrafthom bir-rabja li kont inħoss, iżda għidtilhom ukoll: *"Issa naf x'għandi nagħmel qabel ma nispiċċa minn hawn, irrid nagħtih il-boots tiegħi u nurih ħniena kif Alla juri ħniena magħna"*.

**Naħseb ftit:**

Kif jolqotni dan ir-rakkont?

Kif qed jurini ħniena, Alla, fil-ħajja tiegħi?

Hemm xi persuni li nħoss li għandi nħenn għalihom u naħfirlhom? X'azzjonijiet nista' nieħu?

**Nitlob:**

Mulej, għinni ninfetaħ għall-ħniena tiegħek. Agħtini l-kuraġġ biex nuri ħniena lil dawk ta' madwari ...

**Kliem ta' dawl:**

"Il-ħniena ta' Alla tista' tbiddel art niexfa fi ġnien, tista' tagħti l-ħajja lill-għadam niexef"

*Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**

Qabel il-bidu ta' sena ġdida, ftakar f'dawk l-esperjenzi matul din is-sena meta kellek turi ħniena lil xi persuna...

Wiegħed lil Alla u lilek innifsek li matul is-sena li ġejja inti tkompli tkun miftuħ għal atti ta' ħniena meta u ma' min ikun hemm bżonn.